MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru. 140/2002
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Mario Attard**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Attard ta' 35 sena iben Joseph u Mikelina nee Calleja, imwieled Cospicua fit-12 ta' Mejju 1967 u joqgħod St.John House Sunflower Street Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 236467 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-24 t'Ottubru 1999 u matul l-aħħar seba' xhur qabel dina d-data:

a) bejgħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta, liema droga **nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

ċ) talli wkoll kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Awla 11) fis-17 ta' Marzu 1999.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 2164 tas-sena 1967, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-22 t'April, 2002, il-fedina penali tal-imputat (fol.5), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi (7 t'Ottubru 2003) u 15 ta' Novembru, 2004, il-Proċess fl-ismijiet 'Supretendent versus Mario Attard' (fol 56 et)

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Skond ix-xhieda tal-Prosekutur is-Supretendent Neil Harrison, kienet saret tfittxija fir-residenza tal-imputat nhar l-24 t'Ottubru 1999 fejn kienu nstabu seba' biċċiet tar-raża tal-cannabis li kienu rppjata ġo foil. Imbagħad l-imputat minn jeddu għadda lill-pulizija biċċa raża tal-cannabis. Il-Prosekutur esibixxa l-oġġetti fis-seduta tas-7 t'Ottubru, 2003 flimkien ma' xi flus. Fil-15 ta' Novembru 2004 ippreżenta biċċa raża tal-cannabis oħra li kienet elevata mill-Pjazza tal-Birgu minn ħdejn ċertu Mario Micallef.

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li huwa għandu l-laqam tax-Xa u li kien ipoġġi fit-Tequila Bar. Huwa ammetta li s-seba' biċċiet raża tal-cannabis kienu tiegħu u kienu ilhom għandu jum biss. Il-biċċa kbira l-oħra kienet taħt l-istereo

li kellu fil-kċina. B'kollox kien ħallas xi Lm70. Il-jum ta' qabel kien pejjep joint wara li hu kien qassam il-cannabis fi tmien biċċiet. Huwa qal li kollha kien ser ipejjiphom hu. Filfatt l-imputat stqarr li kien ilu jpejjep żmien twil.

8. PC 10 Saviour Cassar Mallia kkonferma l-fatti dwar it-tfittxija (fol.18). Huwa xehed ukoll li biċċa mill-cannabis kien għaddihielhom l-imputat stess.

9. PC 1009 Charles Farrugia ikkonferma li kienu elevati 7 biċċiet raża tal-cannabis mill-kamra tas-sodaa waqt li mill-kċina l-imputat kien tahom biċċ raża oħra tal-cannabis. (Fol.30). L-imputat kien preżenti l-ħin kollu waqt it-tfittxija.

10. L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li kien hemm seba' biċċiet li kienu jvarjaw fil-piż minn 1.224 sa 2.379 grammi u biċċa oħra li kienet tiżen 5.829. Dawn kellhom is-sustanza TNC u kienu jiżnu 17-il gramma.

11. Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2005 (fol.42) reġa' xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud dwar it-tieni ħatra tiegħu u qal li fid-dokument 122/05/01 kien hemm ammont nett totali ta' 0.424 grammi ta' THC.

12. Mill-proċess 'Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison versus Mario Micallef', Mario Micallef kienn ikkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat sedenti (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri) li huwa kien xtara l-ħaxixa minn għand ix-Xa li jismu Mario u li kien ikun fit-Tequila Bar. (Ara fol.61, 68, 69).

13. Meta reġa' xehed Mario Micallef (fol.76 seduta tat-12 ta' Mejju 2004), huwa għaraf ir-ritratt li kien juri lil Mario x-Xa. (Fol.77), Huwa kkonferma li kien xtara l-ħaxixa minn għand l-imputat.

14. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi taħgha fil-21 ta' Novembru 2005. (Fol 87)

15. A fol.95, il-Qorti ddikjarat li l-kawża kien ilu għall-provi difiża mis-6 ta' mżrzu 2006 u sal-11 ta' Jannar 2008 ma kien ittella' ebda xhud. Il-Qorti akkordat żmien lill-partijiet

sabiex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat in-Nota tagħha fit-3 ta’ Lulju 2008.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

16. Mill-provi mressqin mill-Prosekuzzjoni jirriżulta ampjament li l-imputat biegħ id-droga. Ix-xhieda mogħtija seduta stante quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri hija ċarissima u tirreferi għall-imputat. L-imputat stess fl-istqarrija qal x’kien il-laqam tiegħu u li kien imur it-Tequila. Meta xehed Mario Micallef ikkonferma li kien jixtri minn għand Mario li jgħidulu x-Xa u li kien imur it-Tequila. Dawn huma diġa’ tliet dettalji li jaqblu perfettament mad-dettalji tal-imputat. Barra minn dan, l-istess xhud ikkonferma ritratt li huwa dak tal-imputat. Qablet ukoll in-natura ta-ssustanza li nstabet qrib Mario Micallef fil-Birgu mat-tip tas-sustanza li nstabet għand l-imputat u ma’ dik li qal li kiken xtara x-xhud Mario Buhagiar. Meta l-Qorti kkonsidrat dan kollu, ma baqgħalha ebda dubju li l-imputat biegħ id-droga lil Mario Micallef għal darbtejn**. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.**

17. Il-Prosekuzzjoni stabbiliet ukoll li l-imputat kellu l-cannabis imqassma kif juri r-riżultat forensiku li għamel l-espert maħtur mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, ma temminx lill-imputat meta qal li dan l-ammont kien għall-użu personali tiegħu speċjalment minħabba t-tqassim f’pakketti fejn l-użin ftit kien ivarja. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni iżda qed titqies bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

18. Dwar it-tielet imputazzjoni, il-ksur ta’ kundizzjonijiet f’sentenza mogħtija fis-17 ta’ Marzu 1999, il-Qorti qed tiddeċiedi li fl-assenza tal-preżentazzjoni ta’ din is-sentenza, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

19. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u l-artikolu 23 tal-

Kap 446, issib lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda waqat li qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

20. Dwar il-piena, il-Qorti qieset l-ammont involutu d-drabi ta' meta sar il-bejgħ kif ukoll li fedina penali turi li l-imputat mhux l-ewwel darba li kellu x'jaqsam ma' reati li jaqgħu taħt il-Liġijiet tad-droga. Għaldaqstant qed tikkundanna lill-imputat għal disa' xhur priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €500. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' gimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti tal-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

21. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal (Lm42.03 + Lm68.74 = Lm110.77) = €258.09 fi żmien xahar mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

22. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------